MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Numru. 213/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Said Sarreo**

**vs**

**John Carmel Baldacchino**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat John Carmel Baldacchino ta' 46 sena, iben il-mejjet Carmelo u Josephine nee' Casha, imwieled Pieta' nhar is-6 ta' Gunju 1966, residenti gewwa 1, Dar il-Kenn, Triq Santa Skolastika, Sqaq Nru. 2, Birgu u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 247766M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar it-3 ta’ Marzu 2013 ghal habta ta’ bejn l-4pm u il-5pm, gewwa Misrah Papa Benedittu 4, Isla, hebb ghal Carol Cutajar detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 402074M u kkagunalha griehi ta’ natura gravi skond ma iccertifikat Dr. Vanshree Patel, mill-isptar Mater Dei

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, waddab u/jew qabad arma/i ohra kontra Carol Cutajar u/jew persuni ohra,

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied,

Akkuzat ukoll talli

4. Nhar it-3 ta’ Marzu 2013 u kif ukoll matul ix-xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer ta fastidju lil Carol Cutajar u/jew l-familjari taghha b’moghod li kien jaf jew missu kien jaf li b’tali mgieba kien ser jikkaguna fastidju fuq haddiehor

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta’ Marzu 2013 (esebit a fol.6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta' Frar 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-5 ta' Marzu 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha] kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat, l-element ta' provokazzjoni da parti tal-vittma u kkunsidrat ukoll il-fatt li kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 216, 339(1)(b), 338(dd), 251A u 17 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali, l-Qorti qed tohrog Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum fejn il-persuna protetta hija Carol Cutajar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------